MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Numru. 144/2004

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Charles sive Charlo Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Charles sive Charlo Cutajar detentur ta' karta ta' l-identita' 275063M.

Akkuzat:

a) Talli fil-lejl ta' bejn it-2 ta' Ottubru, 2002 u t-3 ta' Ottubru, 2002 forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Talli fl-istess lok data hin zmien u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dawr il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li huma kontestati bejn il-kontendenti huma s-segwenti:

1. Certu Kristian Ellul instab matul il-lejl mitluf minn sensieh fl-art fi Triq il-Qaliet, Marsascala.
2. Mir-rapport tal-espert Dottor Mario Scerri kollox kien jindika li dan kien kaz ta’ overdose ta’ droga.
3. Wara li Kristian Ellul hareg mill-Isptar, huwa irrilaxxa stqarrija guramentata fejn qal li hu kien ilu seba’ xhur ma jabbuza mid-droga, pero gurnata minnhom kien mar fir-residenza tal-imputat Wied il-Ghajn biex jixtri d-droga herojina. Ellul tah Lm20.00, pero l-imputat ma kellux droga u hareg mill-flat tieghu biex igib l-erojina. Ellul qal fl-istqarrija tieghu li ma jafx fejn mar l-imputat, ghax hu ma marx mieghu.
4. Ellul xehed li l-imputat gie lura b’nofs gramma herojina. Ellul qal li ma jiftakarx minn sajjar l-erojina, pero jiftakar li hu (Ellul) mela s-seringi. Ellul jghid li l-imputat taqbu, ghax hu ma jafx jittaqqab. Ellul jghid li beda jhossu stordut u li wara li hareg mid-dar tal-imputat ma jafx x’gara, intilef minn sensieh u waqa’ overdose.
5. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li kien jaf lil Ellul, pero cahad dak kollu li allega fuqu Ellul u qal li fil-gurnata u hin in kwistjoni kien Bugibba u l-Mosta, pero ma riedx jikxef il-persuna li kienet mieghu. Hu qal ukoll li lil Ellul ma kienx rah dak-in-nhar, pero li bil-lejl

ghal habta tas-2.00a.m. kien gie xi hadd idoqq il-horn tal-karozza taht it-tieqa tal-flat tieghu, u staqsieh jekk Ellul kienx qieghed hemm, u l-imputat qal li hu qallu li Ellul kien ilu ma jigi hemm.

6. Fit-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat instabet biss mgharfa mahruqa u fl-istqarrija tieghu l-imputat qal li din l-imgharfa kienet ilha hemm u li dak iz-zmien ma kienx qed jabbuza mid-droga herojina.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

Il-Qorti tammetti li kkunsidrat fit-tul il-provi prodotti f'dan il-kaz, pero fl-ahhar mill-ahhar il-kaz tal-Prosekuzzjoni isserrah kompletament fuq il-kredibilita tax-xhud Kristian Ellul.

Il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:

1. Ellul mhux novell ghall-abbuz tad-droga herojina. Mix-xhieda li ta lill-magistrat inkwerenti waqt l-istqarrija guramentata tieghu, huwa qal li kien ghamel sentejn *clean* imma imbaghad rega' beda jabbuza mid-droga ghal xi perjodu qasir li ma jispecifikax. Imbaghad ghamel perjodu wieqaf ta' kwazi tminn (8) xhur (fl-istqarrija jghid seba' (7) xhur) fejn beda programm ta' riabilitazzjoni. Pero jidher li fil-gurnata in kwistjoni iddecieda li jerga' jabbuza mid-droga erojina, ghax skont hu din ma kinietx l-ewwel darba li l-imputat gablu d-droga, qabel ma waqaf jiehu d-droga.

2. Fl-istqarrija guramentata tieghu, Ellul jghid li hu qaghad jistenna fil-flat tal-imputat sakemm l-imputat hareg biex igib id-droga. In oltre fix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwerenti, hu jghid li ma jafx minn fejn l-imputat gab id-droga ghax *"jiena ghadt id-dar tieghu."* Mistoqsi mill-Magistrat Inkwerenti jekk l-imputat qallux minn fejn ser imur igib id-droga u x'ser jaghmel, Ellul wiegeb *"Le, ma qallix."*[1] Pero meta xehed quddiem din il-Qorti, Ellul xehed hekk:[2]
   *"Pros: U l-eroina min kien gabha dak in-nhar? Inti jew hu?*

[1] Ara xhieda ta' Kristian Ellul a fol 11-12 tal-*Proces Verbal* ezebit bhala Dok CA a fol. 21 tal-process.
[2] Ara xhieda ta' Kristian Ellul a fol. 30-31 tal-process.

*Xhud: Flimkien morna hux.*

*Pros: Min xtraha? Inti jew hu?*

*Xhud: Flimkien xtrajniha hux.*

*Pros: Hrigtu idejkom it-tnejn hekk?*

*Xhud: Le flimkien xtrajnieha. Mhux taqsam il-flus u hekk hux.*

*Pros: Pero min kien jaf ghand min ghandu jmur biex jixtri? Inti jew hu?*

*Xhud: Hu mhux jiena hux.*

*Pros: Jigifieri min hadek inti biex tixtri l-eroina?*

*Xhud: Hu ... ... Charles Cutajar."*

Din ix-xhieda ta' Ellul quddiem din il-Qorti, ovvjament tikkontradici dak li l-istess Ellul xehed quddiem il-Magistrat Inkwerenti u dak li kkonferma bil-gurament fl-istqarrija tieghu.

3. Meta waqt il-kontro-ezami gie rinfaccat b'din il-kontradizzjoni fix-xhieda tieghu, Ellul xehed hekk:[3]

*"Xhud: Jiena fix-xhieda ghidt li kont qed nistennieh id-dar.*

*Avukat: Fix-xhieda tieghek hemmhekk. Pero llum x'hin xhedt qabel ma qralek ix-xhieda l-ispettur ghidt li mortu f'daqqa ghaliha.*

*Xhud: Ma nafx, jekk ghidt hekk ma nafx ghax bhalissa nkun qisni ecitat imma ma nafx li ghidt hekk. ... ... Jekk ghidt hekk, ma nafx li ghidt hekk. Ftehmt hazin. Ghax jiena l-istqarrija li ghidt ghadu kollox go mohhi, naf kollox x'ghamilt ... ..."*

Il-Qorti m'ghandhiex dubbju li Ellul fehem tajjeb id-domandi li kienu qieghdin isirulu mill-Prosekuzzjoni li, kif jidher mill-kwotazzjoni tax-xhieda aktar il-fuq, damet hafna tistaqsi waqt l-ezami jekk Ellul u l-imputat xtrawx id-droga flimkien jew le, u Ellul kien dejjem konsistenti fit-twegibiet tieghu quddiem din il-Qorti li d-droga xtrawha flimkien hu u l-imputat. Din il-Qorti ma temminx lil Ellul meta jghid – ftit minuti wara li repetutament xehed li d-droga xtrawha flimkien - li ma jafx li qal hekk. Fl-opinjoni tal-Qorti, Ellul kien konsapevoli li l-istqarrija guramentata tieghu kienet prova kardinali tal-Prosekuzzjoni, u kien iktar mohhu x'qal f'dik l-istqarrija – biex

[3] Ara xhieda ta' Kristian Ellul a fol. 37 tal-process.

ma jikkontradixxix lilu nnifsu - milli li jghid il-verita, u l-verita kollha, quddiem din il-Qorti. Fil-fatt, fil-bidu tax-xhieda tieghu, Ellul qal hekk:[4]

*"Pros: Din l-eroina minghand min kont akkwistajtha?*

*Xhud: L-istqarrija tieghi kienet li konna akkwistajnieha minghand, bhal issa ma nafx kif inhi l-istqarrija ta', insejt"* (sottolinear tal-Qorti).

4. Fir-rapport u fix-xhieda tieghu, l-espert Dottor Mario Scerri li ezamina lil Ellul jghid *"Illi ma kienx hemm evidenza ta' punturi friski li kienu estranji ghal dawk maghmulin mit-tim mediku."*[5] Ovvjament dan jikkontradici x-xhieda ta' Ellul li l-imputat kien tah l-eroina billi taqbu b'seringa. Fix-xhieda tieghu Dottor Scerri jghid hekk:[6] *"Ma rrizultax li kien hemm titqib frisk. Issa jista' jkun ukoll, biex nghid kollox, pero ma rrizultalix, taf inti li l-labar tas-siringi tal-insulina huma rqaq hafna hafna u jekk ikun hemm puntura perfetta fuq il-vina, gieli lanqas taraha u taraha forsi xi jumejn wara li tohroglok tbengila zghira u gieli ma tohrogx."* Fir-rapport tieghu, Dottor Scerri jghid ukoll li hu ra r-rizultanzi tossikologici ta' kampjuni li ttiehdu meta Ellul ma kienx f'sensieh, u kien hemm evidenza ta' *opiates* f'dawn il-kampjuni. Pero apparti li dawn il-kampjuni ma jistghux jintuzaw bhala prova ghaliex ittiehdu meta Ellul ma kienx konxju u allura ma tax il-kunsens li jittiehdulu, fix-xhieda tieghu Dottor Scerri jghid li apparti fl-eroina u fil-morfina, opiates jinsabu ukoll f'pilloli li fihom il-codeine. Ghalhekk, dan l-espert jghid li jista' jkun li din kienet overdose ta' pilloli jew li Ellul issnifja xi droga.[7]

F'dan l-istat tal-provi, din il-Qorti mhix konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-imputat hu hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u qed tilliberah minnhom.

[4] Ara xhieda ta' Kristian Ellul a fol. 29 tal-process.
[5] Ara rapport ta' Dottor Mario Scerri fil-*Proces Verbal* ezebit bhala Dok NF a fol. 61 tal-process.
[6] Ara xhieda ta' Dottor Mario Scerri a fol. 69 *et seq.* tal-process.
[7] Ara xhieda tal-espert Dottor Mario Scerri a fol. 70-71 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------